# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 756/2015PM1**

**Mobisle Communications Limited (C24655) u b'digriet tat-22 ta' Jannar, 2016 is-socjeta` Go p.l.c. (C22334) giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza f'isem is-socjeta` Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Malta Medsea Safari Limited (C52383) u b'digriet tas-16 ta' Frar, 2017 moghti minn dan it-Tribunal gie nominat Dr. Noel Cutajar bhala kuratur deputat ghan-nom tas-socjeta` intimata**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-disa' (9) ta' Settembru, 2015 illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u tnejn u disghin ewro u tnejn u sittin centezmi (€2492.62) in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellular bin-numri 79852135, 79835847 u 79821745 liema servizzi huma

migbura fil-kontijiet bin-numri 40205209, 40185817 u 40193124 bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza kontra l-istess socjeta` intimata.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra r-rikors datat 21 ta' Jannar, 2016 li permezz tieghu s-socjeta` attrici Go p.l.c. talbet li tigi awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza flok is-socjeta` Middlesea Communications Limited.

Ra d-digriet datat 22 ta' Jannar, 2016 permezz ta' liema t-Tribunal laqa' t-talba kif dedotta permezz tar-rikors surreferit.

Ra n-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili u d-dokumenti annessi (a fol. 31 et. seq. tal-process).

Ra li waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju, 2016 ir-rapprezentant legali talab ghall-hatra ta' kuraturi deputati in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta u t-Tribunal waqt l-istess seduta laqa' t-talba u ordna l-hatra ta' kuraturi. F'dan ir-rigward sar ukoll sussegwentement rikors datat 14 t'Ottubru, 2017 li gie milqugh fis-27 t'Ottubru, 2017.

Ra wkoll ir-rikors datat 24 ta' Marzu, 2017 u d-digriet relattiv datat 3 t'April, 2017.

Sema' x-xhieda ta' John Dimech moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju, 2017 liema xhud ikkonferma l-kontenut tar-riferta lil Michael Hearn u konsegwentement ghall-istess it-Tribunal laqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta permezz tar-rikors tal-24 ta' Marzu, 2017 u dan limitatament billi jqis li Michael Hearne gie debitament notifikat bl-atti tal-bandu a tenur tal-art. 187(1) tal-Kap. 12 u ordna lir-Registratur jghaddi ghall-hatra ta' kuraturi deputati skont kif dekretat fis-27 t'Ottubru, 2016.

Ra li permezz tad-digriet datat 16 ta' Frar, 2017 gie nominat Dr. Noel Cutajar bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lis-socjeta` intimata u li, kif verbalizzat waqt is-seduta tat-13 ta' Gunju, 2017, gie ordnat li dan id-digriet jigi inserit fil-process.

Ra li Dr. Noel Cutajar gie notifikat bl-atti fil-25 ta' Settembru, 2017.

Ra wkoll ir-risposta prezentata minn Dr. Noel Cutajar bhala kuratur deputat ghas-socjeta` intimata permezz ta' liema gie eccepit li huwa ghadu mhux edott mill-fatti u rrizerva li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba jirnexxilu jaghmel kuntatt mas-socjeta` intimata u li f'dak l-istadju ma kellu l-ebda nota jew dokument relattiv ghall-kaz x'jipprezenta.

Ra n-nota tal-kuratur deputat u d-dokumenti ezebiti minnu (fol. 84 et. seq. tal-process) prezentata waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2017 a konferma tal-korrispondenza li nbaghtet lis-socjeta` intimata u ddikjara illi min-naha tas-socjeta` attrici ma rcieva l-ebda twegiba ghall-istess.

Sema' x-xhieda ta' Charmaine Psaila Raji moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2017 u d-dokumenti ezebiti minnha waqt l-istess seduta a konferma tal-ammont mitlub.

Ra li waqt l-istess seduta r-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici iddikjara li m'ghandux aktar provi x'jipproduci salv ghal kwalunkwe eccezzjoni ulterjuri imressqa mis-socjeta` intimata f'dan l-istadju, liema eccezzjonijiet ulterjuri baqghu ma tressqux.

Ra li waqt is-seduta sussegwenti ma tressqux provi min-naha tas-socjeta` intimata u li l-kawza baqghet differita ghall-ghoti tas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduti u wkoll m'ghamlitx kuntatt mal-kuratur deputat appuntat ghal tali skop skont il-ligi. Aktar minn hekk jirrizulta li meta sar tentattiv ghan-notifika bil-bandu lil Michael Hearn, azzjonist fi hdan il-kumpanija, dan irrifjuta li jkollu x'jaqsam mal-kumpanija u rrifjuta n-notifika.

Illi l-kuratur deputat ghalkemm ressaq risposta a nom tas-socjeta` intimata, iddikjara permezz tal-istess li ma kienx edott mill-fatti u fil-fatt jidher li anke wara din id-data huwa ma rnexxielux jaghmel kuntatt mal-istess socjeta` intimata.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimata lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2017.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f'dan ir-rigward. Huwa car li, skont il-ligi, l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data illi fiha d-debitur ikun gie, jew seta' ragjonvejolment jigu meqjus li kien, a konjizzjoni tat-talba maghmulha fil-konfront tieghu b'mod ufficjali u kwindi jonqos milli jhallas l-addebitu. F'dan il-kaz allura l-imghaxijiet huma dovuti fuq is-sorte mill-25 ta' Settembru, 2017 data tan-notifika lill-kuratur deputat bl-avviz odjern u jibqghu jiddekorru sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u tnejn u disghin ewro u tnejn u sittin centezmi (€2492.62) in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bin-numri 79852135, 79835847 u 79821745 liema servizzi huma migbura fil-kontijiet bin-numri

40205209, 40185817 u 40193124 bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mill-25 ta’ Settembru, 2017 sad-data tal-hlas effettiv.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**